**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 t'Ottubru 2022**

Rikors Numru: 208/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 376/2011)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) fir-Registru Pubbliku, Valletta, Malta (Dok. A);

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Mejju 2012 u sussegwentement isseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi datat hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (Dok B);

3. Illi l-partijiet ma ghandhomx ulied;

4. Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat C D bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

2. Tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond ilLigi, u dan taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Gunju 2021;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx fis-seduta u ma pprezentax risposta

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Mejju, 2012 u legalment separati mill-15 ta’ Novembru 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.